MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2005

Citazzjoni Numru. 79/1999/1

Michael Refalo ;
Carmena mart Joseph Chilton ;
Michaelina mart David Hyams ;
Josephine mart Alan Rendle ;
Victoria mart Anthony Gibson;
Anthony Mercieca,
Mary Grace mart Carmelino Grima ;
Joseph Mercieca ;
Raymond Mercieca ;
Veronica mart Alfred Borg ;
Carmelo Mercieca ;
Martin Mercieca ;
Elizabeth Vella ; u
Ursola xebba Mercieca .

VS

Victoria Refalo ;
Victoria mart Joseph Refalo ;
Franġisk Farrugia ;

Maria Dolores mart Gorg Vella ; u
Anna mart Joseph Cauchi , u
L-avukat Dottor Kevin Mompalao li b'degriet tas-6 ta' Lulju, 1999 ġie nominat kuratur Deputat sabiex jirrappreżenta lill-imsiefer Michael Farrugia; kif ukoll sabiex jirrappreżenta lill-Kongregazzjoni tas-Sorijiet Missjonarji tal-
Madonna ta' l-Afrika; Frances xebba Tabone; u Sabiex jirrappreżenta lill-imsefrin Julian Tabone u Michelina Sacco .

Il-Qorti ,

Rat iċ-Ċitazzjoni li permezz tagħha l-atturi, wara li ppremettew:

Illi Baskal Tabone, ġia bin il-mejtin Giuljan u Maria nee' Buhagiar miet fit-tlettax (13) ta' Jannar elf disa' mija u disgħa u erbgħin (1949) ;

Illi l-imsemmi Baskal Tabone kien miżżewweġ darbtejn, l-ewwel darba lil Mikelina Dalli, illi mietet qablu, eżattament fit-tmintax (18) ta' Mejju elf disa' mija wieħed u erbgħin (1941), u minnha kellu erba' ulied, eżattament lil Maria mart Ruman Refalo, Salvina mart Michaelangelo Grech, u aktar tard mart Lorenzo Mercieca, Joseph; u Cristina, soru u xebba . Illi wara l-mewt ta' l-ewwel mara tiegħu, Baskal Tabone kien iżżewweġ lil Maria Assunta Spiteri, u minn dan iż-żwieġ ma kellux tfal .

Illi wara li romlot minnu, Maria Assunta Spiteri kienet iżżewġet lil Joseph Farrugia fil-ħdax (11) ta' Ġunju elf disa' mija disgħa u erbgħin (1949), u minn dan it-tieni żwieġ tagħha kellha ħamest' ifal, eżattament lil Michael, Victoria mart Joseph Refalo, Franġisk, Maria Dolores mart Gorg Vella; u Anna mart Joseph Cauchi ;

Illi wara l-mewt ta' l-ewwel mara tieghżħu, Baskal Tabone u wliedu mill-ewwel żwieġ kienu llikwidaw l-assi formanti l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejnu u Mikelina Dalli, u dan bis-saħħa ta' kuntratt ta' diviżjoni fl-atti tan-Nutar Francesco Gauci tat-tlettax (13) ta' Frar elf disa' mija sitta u erbgħin (1946) bis-saħħa ta' liema kuntratt lill-imsemmi Baskal

Tabone ġew assenjat nofs diviż tal-lok ta' djar u nofs il-mandra li hemm miegħu fin-numru sittax (16) Triq Kortoll, Xagħra, kif aħjar deskritt fl-istess kuntratt; il-kamra, qabel mitħna tal-mixi fin-numru tlettax (13) Triq Kortoll, xagħra, u nofs indiviż ta' meżżanin f'Marsalforn limiti ta' Xagħra, numru sittax ittra f (16F) Via Casal Caccia ;
Illi Baskal Tabone kien irregola s-suċċessjoni tiegħu bis-saħħa ta' testment fl-atti tan-Nutar fejn innomina bħala eredi universali tiegħu lill-armla tiegħu u lill-erba' ulied tiegħu fi kwoti ugwali ta' kwinta parti kull wieħed u waħda minnhom ;

Illi l-imsemmija Maria Assunta Spiteri kienet mietet fl-għaxra (10) ta' Marzu elf disa' mija tlieta u tmenin (1983), u lil din wirtuha l-ħames ulied tagħha fuq imsemmija ;

Illi Maria mart Ruman Refalo kienet mietet fl-għoxrin (20) ta' Lulju elf disa' mija tmienja u sebgħin (1978) u lil din wirtuha s-sitt ulied tagħha Michael Refalo, Carmen Chilton, Ursola Mercieca; Michelina Hyams, Josephine Rendall; u Victoria Gibson ;

Illi Salvina Mercieca kienet mietet elf disa' mija tmienja u tmenin (1988) u skond it-testment tagħha fl-atti tan-Nutar Paul George Pisani tat-tmienja (8) ta' Mejju elf disa' mija sebgħa u tmenin (1987), hija ma nnominatx eredi u għalhekk is-suċċessjoni tagħha għaddiet ab intestato fuq it-tlett ħutha jew dixxendenti tagħhom skond il-każ, iżda Josephine Rendle u Victoria Gibson kienu rrinunzjaw għall-eredita' tagħha b'noti preżentati quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Volontarja, u għalhekk il-kwota lilhom spettanti akkrexxiet favur ħuthom l-oħra ;

Illi Joseph Tabone kien miet u lil dan wirtuh it-tlett uliedu Lina Sacco, Julian Tabone, u Frances Tabone ;

Illi Cristina Tabone kienet mietet fi Bromley, l-Ingilterra fl-erbatax (14) ta' Awissu elf disa' mija sitta u disgħin (1996), u rregolat is-suċċessjoni tagħha bis-saħħa ta' testment redatt fil-forma Ingliża fl-għaxra (10) ta' Frar elf disa' mija u disgħin (1990) li bih innominat eredi universali ta-beni

tagħha lill-Kongregazzjoni tas-sorijiet Missjonarji tal-Madonna ta' l-Afrika ;

Illi konsegwentement l-assi ereditarji ta' Baskal Tabone ġew jispettaw fi kwoti riżultanti mid-dokumenti hawn anness u markat .
Illi l-atturi ma jridux jibqgħu aktar fi stat ta' komunjoni flimkien magħkom il-konvenuti tal-beni provenjenti lilhom mill-wirtijiet u suċċessjonijiet hawn fuq imsemmija .

Talbu lill-konvenuti jgħidu għaliex m'għandiex din il-Qorti:

1. Tillikwida l-beni ġa formanti l-assi ereditarji ta' Baskal Tabone billi tiddikjara illi jikkonsistu f'dawk il-beni u assi illi jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża ;

2. Tiddividi dawn l-assi f'ħames kwoti ugwali illi jiġu assenjati waħda kull wieħed lil Maria Refalo, Salvina Mercieca, Joseph Tabone, Cristina Tabone, u Maria Assunta Farrugia ;

3. Tassenja l-kwota illi messet lil maria Assunta Farrugia lill-ħamest uliedha Michael, Victoria Refalo, Franġisk, Maria Dolores Vella, u Anna Cauchi ugwalment u indiviżament bejniethom ;

4. Tiddiviai l-kwota illi messet lil Salvina Mercieca fi tlett porzjonijiet ugwali illi jigu assenjati waħda lill-assi ereditarji ta' Cristina Tabone, oħra lill-assi ereditarji ta' Joseph Tabone, u oħra lill-assi ereditarji ta' Maria Refalo - b'dan illi l-kwota hekk assenjata lil Maria Tabone għandha tiġi assenjata lil uliedha ad esklussjoni ta' Victoria Gibson u Joseph Rendle ;

5. Tiddividi l-kwota assenjata lil Joseph Tabone, sia direttament mingħand missieru kif ukoll il-parti illi huwa wiret mingħand oħtu Salvina Mercieca fi tlett porzjonijiet ugwali illi jiġu assenjati waħda kull wieħed lit-tlett uliedu Lina Sacco, Julian Tabone, u Frances Tabone ;

6. Tiddividi l-kwota assenjata lil Maria Refalo direttament mingħand il-ġenituri tagħha f'sitt porzjonijiet ugwali li jiġu assenjati waħda kull wieħed lis-sitt ulied tagħha Michael Refalo, Carmen Chilton, Ursola Mercieca, Michelina Hyams, Josephine Rendall, u Victoria Gibson;

7. Tiddividi t-terz ta' kwint indiviz illi jmiss lill-eredi ta' Maria Refalo mill-wirt ta' ohtha Salvina Mercieca bejn l-erbat ulied tagħha Michael Refalo, Carmen Chilton, Michelina Hyams, u Ursola Mercieca (illi minflokha llum issuċċedew uliedha) ;

8. Tahtar Nutar pubbliku u tiffissa l-jum ħin u lok għall-pubblikazzjoni tal-opportun att ta' diviżjoni tal-assi ereditarji hekk riżultanti, bl-intervent ta' kuraturi nominandi sabiex jidhru ghall-eventwali kontumaċi fuq l-istess att ;

9. fin-nuqqas, f'każ illi jirriżulta illi l-beni mhumiex komodament diviżibbli bejn il-kontendenti, tordna l-liċitazzjoni tal-istess beni sabiex ir-rikavat jiġi ripartit bejn il-kontendenti fil-kwoti lilhom spettanti kif fuq ingħad .

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali kontra tagħkom .

Bl-inġunzjoni għas-subizzjoni illi għaliha minn issa intom inġunti .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-atturi, konfermata bil-ġurament ta’ Raymond Chilton .

Rat in-nota ta’ l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti Victoria mart Joseph Refalo, Franġisk Farrugia, Maria Dolores mart Gorg Vella u Anna mart Joseph Cauchi :

Illi huma ma jopponux rwieħhom għad-diviżjoni tal-wirtijiet oġġett tal-kawża purche' li l-ewwel lok u qabel kollox tiġi stabilita l-leġittimazzjoni ta' l-atti tal-konvenuta Suor Frances xebba Tabone ;

Illi jrid jiġi verifikat tħallsetx it-taxxa dovuta tas-suċċessjoni tal-mejjet Baskal Tabone ;

Illi wieħed mill-konvenuti u ċioe' Franġisk Farrugia, jokkupa l-fond numru 15, Triq il-Kortoll, Xagħra, Għawdex, bħala r-residenza regolari unika tiegħu għal dawn l-aħħar għoxrin (20) sena ;

1. illi l-imsemmi Franġisk Farrugia għandha ssirlu l-aħjar offerta sabiex ikompli jabita fil-fond imsemmi fil-paragrafu preċedenti peress li altrimenti jispiċċa mingħajr residenza ;

2. illi fin-nuqqas għandu jiġi kkumpensat għal dawk il-benefikati u meljoramenti li saru fl-istess fond ;

3. Salvi eċċezzjonijiet oħra fid-dritt u fil-fatt .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenuti maħlufa minn Franġisk Farrugia .

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ta' l-avukat Dottor Kevin Mompalao, illi b'digriet tas-6 ta' Lulju 1999 ġie maħtur kuratur deputat sabiex jirrappreżenta lill-imsiefrin Michael Farrugia; Frances Tabone, Julian Tabone; Michelina Sacco, u lil kongregazzjoni tas-sorijiet Missjonarji tal-Madonna ta' l-Afrika, li eċċepixxa illi :

1. Illi fl-ewwel lok irid jiġi pruvat illi d-denunzji tal-persuni li tal-wirt tagħhom qed tintalab id-diviżjoni odjerna, ġew debitament preżentati .

2. Illi fit-tieni lok l-esponenti ma hux edott mill-fatti li taw lok għal din il-kawża u għalhekk f'dan l-istadju jirrimetti ruħu għal provi miġjuba salv li dawn ikunu l-aħjar u l-aktar konsistenti skond il-liġi . Salv ukoll li jipproduċi eċċezzjonijiet ulterjuri wara li jkun irnexxielu jikkomunika mal-persuni minnu rappreżentai .

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenut nomine minu maħlufa .

Rat id-digriet tagħha ta' l-1 ta' Marzu 2001 fejn innominat lill-A.I.C. Joseph Mizzi bħala perit tekniku .

Rat ir-relazzjoni ta' l-istess espert tekniku, pppreżentata fit-22 ta' Marzu 2002 u minnu maħlufa fil-31 ta' Mejju 2002 .

Rat id-digriet tagħha tas-6 ta' Gunju 2002 fejn innominat lill-A.I.C. John Rizzo Naudi, l-A.I.C. Edward Scerri u l-A.I.C. Gordon Vella bħala periti perizjuri fuq talba tal-konvenuti Victoria Refalo et., li ħassewhom aggravati bir-rapport ta' l-ewwel perit .

Rat ir-rapport ta' l-istess periti ppreżentat fid-9 ta' Marzu 2005 u maħluf mill-A.I.C. John Rizzo Naudi fis-27 ta' Gunju 2005, mill-A.I.C. Edward Scerri fis-6 ta' Settembru, 2005, u mill-A.I.C. Gordon Vella fit-23 ta' Settembru, 2005.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi d-dokumenti esebiti .

Ikkunsidrat :

Illi permezz ta' din il-kawża qed tintalab il-likwidazzjoni u diviżjoni ta' l-eredita' ta' Baskal Tabone antenat komuni tal-kondividenti kollha . Irriżulta illi l-beni in diviżjoni jikkonsistu unikament fil-fond bin-numru ħmistax (15) Triq il-Kortoll, ix-Xaghra, Għawdex, bil-ġnien anness fuq wara, kif aħjar deskritt fir-relazzjoni peritali ta' l-A.I.C. Joseph Mizzi[1] u muri fuq il-pjanta u *site plan* minnu ppreżentati ma' l-istess relazzjoni[2] . Il-kwoti spettanti lill-kondividenti minn dan il-fond ġew maħduma mill-legali ta' l-atturi skond il-lista relattiva annessa ma' ċ-ċitazzjoni, u ma jidhirx illi hemm xi oġġezzjoni da parti ta' xi ħadd mill-konvenuti għall-isħma kif hemm indikati . Il-Qorti għalhekk ser taċċetta dawn il-kwoti bħala korretti u taddottahom fis-

[1] A fol. 107 - 108 tal-process .
[2] a fol. 109, 110 .

sentenza tagħha . L-A.I.C. Mizzi rrelata illi dan il-fond mhux komodament diviżibbli bejn daqstant kondividenti . Għall-iskop ta' liċitazzjoni l-istess fond ġie minnu stmat fil-valur ta' sebgħin elf lira maltija (Lm70,000)[3] . Il-periti perizjuri kkonfermaw il-konkluzjoni ta' l-ewwel perit fis-sens illi dan il-fond mhux komodament diviżibbli,[4] imma billi laħaq għadda ż-żmien minn meta tlesta dan ir-rapport, żiedu l-valur tal-proprjeta in diviżjoni u stmawha fis-somma ta' mija u ħamsin elf lira maltija (Lm150,000)[5] .

Għaldaqstant il-Qorti in vista ta' dak li ġie stabilit hawn fuq u ta' dawn il-konklużjonijiet peritali, tiddeċidi dwar it-talbiet billi:

1. tilqa' t-talbiet kollha, ħlief għat-tmien talba, u tiddikjara illi l-beni provenjenti lill-kondividenti mill-eredita' ta' Baskal Tabone jikkonsistu unikament fil-fond numru ħmistax (15) Triq Kortoll, ix-Xagħra, Għawdex, bil-ġnien anness, kif deskritt mill-A.I.C. Joseph Mizzi fir-relazzjoni tiegħu f'din il-kawża u muri fuq il-pjanta u *site plan* annessi ma' l-istess relazzjoni; stmat mill-periti addizzjonali fil-valur ta' mija u ħamsin elf lira maltija (Lm150,000);

2. tiddikjara illi l-kwoti spettanti lill-kondividenti minn dan il-fond huma dawk stabiliti fil-lista "Dokument U" annessa ma' ċ-ċitazzjoni ;

3. tiddikjara illi l-istess fond mhux komodament diviżibbli bejn daqstant kondividenti; u konsegwentement

4. tordna l-bejgħ tiegħu in liċitazzjoni, bl-ammissjoni ta' l-oblaturi estranei, sabiex imbagħad ir-rikavat, wara li jitnaqqsu l-ispejjeż, jinqasam bejn il-kontendenti kollha skond il-kwoti rispettivi tagħhom, kif hawn stabiliti .

[3] ara rapport a fol . 108 .
[4] ara rapport tal-periti addizzjonali a fol. 151 .
[5] ara konkluzjoni peritali tat-tieni rapport a fol. 152 .

L-ispejjeż tal-kawża, billi din hija kawża għad-diviżjoni, għandhom jiġu ssoportati bejn il-kontendenti skond il-kwoti rispettivi tagħhom .

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------